



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.1.2005
KUMM(2004) 847 finali

2004/0291 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Komunità Ewropea dwar l-aċċess għas-suq

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fid-9 ta' Ottubru 2004, il-Komunità Ewropea kkonkludiet negozjati bilaterali mar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam rigward l-adeżjoni tagħha mad-WTO. Ir-riżultati jipprovdu impenji importanti kemm għal oġġetti kif ukoll servizzi ta' benefiċċju għan-negozju tal-KE. Il-gvern Vjetnamiż esprima wkoll l-interess tiegħu li jfittex "ftehim ta' ħsad kmieni" li għandu jgħib 'il quddiem l-implimentazzjoni ta' ċerti impenji fl-interess taż-żewġ sħab.

Fit-3 ta' Diċembru 2004, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Gvern Vjetnamiż taw bidu għall-Ftehim li jinsab hawn bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Vjetnam.

Il-Ftehim jistipula l-obbligi li ġejjin mill-Vjetnam:

- Il-Vjetnam jimpenja ruħu li jnaqqas id-dazji tad-dwana tiegħu għall-importazzjonijiet tal-KE ta' hġut tas-suf ta' materjal sintetiku għal 5%.
- Il-Vjetnam jimpenja ruħu li jnaqqas id-dazji tad-dwana għall-importazzjonijiet tal-KE ta' nbejjed u spirti għal 65%.
- Il-Vjetnam jimpenja ruħu li jipprovdi trattament mhux inqas favorevoli lill-investituri u fornituri tas-servizzi mill-KE minn dak mogħti lill-investituri u fornituri tas-servizz mill-Istati Uniti a bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Kummerċjali Bilaterali Stati Uniti-Vjetnam.
- Il-Vjetnam jimpenja ruħu li jipprovdi trattament mhux inqas favorevoli lill-investituri mill-KE minn dak ipprovdut lill-investituri Ġappuniżi permezz tal-Ftehim ta' Investiment Bilaterali Ġappun-Vjetnam.
- Il-Vjetnam għandu jintroduċi numru ta' miżuri ta' liberalizzazzjoni f'setturi oħrajn:
 - Mill-1.1.2005, hu għandu jippermetti operatori mill-KE biex jinvestu fis-settur tas-siment u l-produzzjoni tal-gagazza fuq l-istess termini ta' l-industrija Vjetnamiża.
 - Mill-1.1.2005, hu għandu jippermetti lill-operaturi eżistenti mill-KE fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, li bħalissa joperaw fil-Vjetnam a bażi tal-Kuntratti ta' Kooperazzjoni fin-Negozju ma' operatori Vjetnamiżi, biex ikollhom l-għażla li jew iġeddu l-arranġamenti kurrenti jew ibidluhom f'forma oħra ta' stabbiliment, taħt kondizzjonijiet li mhumiex inqas favorevoli minn dawk li jgawdu bħalissa.
 - Mill-1.1.2005, hu għandu jneħħi r-restrizzjonijiet kollha fir-rigward ta' klijenti li għalihom il-fornituri eżistenti mill-Komunità Ewropea ta' servizzi ta' kompjuters, servizzi ta' kostruzzjoni, inġinerija, inġinerija integrata, servizzi arkitettoniċi u servizzi ta' ppjanar urban, li bħalissa joperaw fil-Vjetnam, jistgħu jipprovdu dawn is-servizzi.
 - Mill-1.1.2005, l-operaturi mill-Komunità Ewropea jkunu jistgħu jingħataw liċenzji biex jistabbilixxu impriżi li jkunu 100% ta' sidien mill-Komunità Ewropea fil-Vjetnam biex jipprovdu servizzi ta' kompjuters, servizzi ta' kostruzzjoni, inġinerija, inġinerija integrata, servizzi arkitettoniċi u servizzi ta'

ppjanar urban, mingħajr restrizzjonijiet fuq il-klijenti li għalihom dawn is-servizzi jkunu pprovduti.

- Mill-1.1.2005, hu għandu joħroġ 4 liċenzji lil impriżi farmaċewtiċi mill-Komunità Ewropea li jippermettulhom iwettqu manifattura bi ħlas fil-Vjetnam mingħajr ma jkunu jeħtieġu t-trasferiment tal-liċenzji lil sħab Vjetnamiżi, filwaqt li jżommu wkoll kwalunkwe awtorizzazzjoni eżistenti li huma jista' jkollhom għall-immarkitjar tal-prodotti importati.
- Mill-1.1.2005, hu għandu jippermetti li jkunu jistgħu jiġu stabbiliti inizjattivi bi sħab bejn kumpaniji mill-Komunità Ewropea u sħab Vjetnamiżi sabiex jinvestu fil-kostruzzjoni ta' bini ta' uffiċini u appartamenti għall-bejgħ u l-kiri, mingħajr limitazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-kapital mill-Komunità Ewropea.
- Sal-31.3.2005, hu għandu jipprovdi liċenzja waħda lil distributur mill-Komunità Ewropea biex jistabbilixxi impriża li tkun 100% ta' sidien mill-Komunità Ewropea fil-Vjetnam.
- Sal-31.03.2005, hu għandu joħroġ liċenzja ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja addizzjonali lil azjenda mill-Komunità Ewropea.
- Sal-31.03.2005, il-linji tat-tbajhir mill-Komunità Ewropea għandhom ikunu awtorizzati li jidħlu finizjattivi bi sħab ma' partners Vjetnamiżi b'kontribuzzjoni ta' kapital mill-KE ta' 51%.
- Sal-31.03.2005, linja waħda tat-tbajhir mill-Komunità Ewropea għandha tkun awtorizzata li tistabbilixxi impriża b'investiment ta' 100% mill-Komunità Ewropea biex twettaq il-ħidmiet kollha tal-linja tat-tbajhir tagħha, li attwalment mhumiex permessi għal azjendi li mhumiex Vjetnamiżi.
- Sal-31.03.2005, hu għandu jagħti liċenzja lil fornitur wieħed ta' servizzi mill-Komunità Ewropea biex jipprovdi sistema ta' riservazzjoni bil-kompjuter fil-Vjetnam.
- Sal-31.03.2005, hu għandu jintroduċi kwota ta' tariffi għall-importazzjoni ta' muturi u motoċikletti ta' oriġini mill-KE, filwaqt li jiżgura li għall-inqas 50% ta' din il-kwota tkun allokata speċifikament lil aġenti uffiċjali awtorizzati mill-manifatturi mill-Komunità Ewropea.
- Sal-31.12.04, il-lista ta' molekuli farmaċewtiċi li huma pprojbati milli jkunu importati fil-Vjetnam għandha titnaqqas sa massimu ta' 7. Mill-31.12.2005, din il-lista għandha tkun kompletament abrogata għall-manifatturi mill-Komunità Ewropea.
- Matul il-perjodu 2005-2006, għandu jingħata total ta' 3 liċenzi lil fornituri mill-Komunità Ewropea ta' servizzi ambjentali biex joperaw fil-Vjetnam bħala impriżi li jkunu 100% ta' sidien mill-Komunità Ewropea, għall-iskop li jipprovdu servizzi ambjentali, fis-sotto-setturi li ġejjin: servizzi ta' tindif ta' gassijiet ta' l-egżost, tnaqqis ta' storbju, servizzi ta' rimi ta' l-iskart, servizzi ta' drenaġġ.

- Hu għandu jippermetti lil dawk id-distributori mill-Komunità Ewropea li diġa qed joperaw legalment fil-Vjetnam biex jifflu sa massimu ta' 4 mħażen addizzjonali matul l-2005, u żewġ imħażen oħrajn fl-2006.
- Matul l-2006, liċenzja waħda għandha tkun allokata lil distributur mill-Komunità Ewropea biex jopera fil-Vjetnam bħala impriża li tkun 100% ta' sidien mill-Komunità Ewropea.

Bi tpattija għal dan, il-KE għandha tissospendi il-kwoti kollha fuq it-tessuti u l-ħwejjeġ li bħalissa huma imposti fuq il-Vjetnam. L-intenzjoni hi li tippermetti li l-Vjetnam jgawdi minn trattament ekwivalenti għal dak ta' membri eżistenti tad-WTO u ħalli jikkompeti fuq l-istess bażi.

Il-Ftehim għandu dispożizzjonijiet li skond huma l-KE tista' terġa' timponi l-kwoti fuq it-tessuti f'każ li l-Vjetnam ma jħarisx l-obbligi tiegħu.

Il-Ftehim jieħu in konsiderazzjoni it-terminazzjoni tal-ftehim ATC u l-kapaċità ta' membri importanti oħrajn tad-WTO f'dan is-settur, għalhekk is-sospensjoni tal-kwoti għall-Vjetnam mhix mistennija li jkollha impatt negattiv sinifikanti fuq l-interessi tas-settur Ewropew tat-tessuti u l-ħwejjeġ.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Komunità Ewropea dwar l-aċċess għas-suq

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni¹,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nneozjat f'isem il-Komunità Ftehim bilaterali dwar implimentazzjoni minn kmieni ta' l-impenji ta' l-aċċess għas-suq marbuta ma' l-adeżjoni tal-Vjetnam mad-WTO;
- (2) Il-Ftehim inbeda fit-3 ta' Diċembru 2004;
- (3) Il-Ftehim għandu jkun approvat f'isem il-Komunità;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Komunità Ewropea dwar l-aċċess għas-suq hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità. It-test tal-Ftehim hu anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna bil-jedd li tiffirma, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1 sabiex torbot il-Komunità.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha, b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjoni ta'

¹ ĠU C

ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi² tadotta l-miżura stipulata fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Ftehim, li tikkonsisti fl-applikazzjoni mill-ġdid tal-kwoti fuq it-tessuti u l-ħwejjeġ fil-każ li l-Vjetnam jonqos milli jissodisfa l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt l-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan il-Ftehim u l-paragrafu 9 tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' ittri, li nbeda fil-15 ta' Frar 2003.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni li japprovaw il-Ftehim għandhom jipprevalu fuq ir-Regolament (KEE) Nru 3030/93 sakemm l-istess suġġett hu konċernat.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

² ĠU L 275, 8.11.1993, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) 138/2003 (ĠU L 23, 28.01.2003, p.1)

ANNES

FTEHIM BEJN IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA SOĊJALISTA TAL-VJETNAM U L-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-AĊĊESS GĦAS-SUQ

Il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem riferuti kollettivament bħala l-“Partijiet” u individwalment bħala l-“Parti”);

Jagħharfu l-importanza li jikkoordinaw u jsaħħu l-ħbiberija, il-kooperazzjoni u l-interazzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Komunità Ewropea; u

Jixtiequ li jiżviluppaw u jwessgħu l-kummerċ u r-relazzjonijiet ta' investiment bejn ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Komunità Ewropea;

Huma ftehm u kif ġej:

ARTIKOLU 1

Mill-1 ta' Jannar 2005, il-Komunità Ewropea għandha tissospendi bil-għan ta' eleminazzjoni l-kwoti fuq it-tessuti u l-ħwejjegħ imposti fuq ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam.

ARTIKOLU 2

Mill-1 ta' Jannar 2005, ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam għandha:

- Tapplika t-tariffi għall-ħwejjegħ, drappijiet u oġġetti manifatturati, u fibri fil-livelli kif impenja ruħu bihom il-Vjetnam fil-Ftehim fuq il-kummerċ fit-tessuti u l-ħwejjegħ u miżuri oħrajn ta' ftuħ ta' swieq li ngħataw bidu f'Hanoi fil-15 ta' Frar 2003³;
- Tapplika rata tariffarja ta' 5% għal ħjut tas-suf ta' materjal sintetiku;
- Tapplika rata tariffarja ta' 65% għal inbejjed u spirti;
- Tagħti lil investituri u fornituri tas-servizzi mill-Komunità Ewropea trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lill-investituri u fornituri tas-servizzi mill-Istati Uniti kif stipulat fil-Kapitoli dwar l-Investiment u l-Kummerċ tas-Servizzi tal-Ftehim Kummerċjali Bilaterali bejn ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Annessi rilevanti tagħhom;
- Tippermetti operaturi mill-Komunità Ewropea biex jinvestu fil-produzzjoni tas-siment u tal-gagazza, bla ħsara għar-regolamenti applikati f'dan is-settur fil-Vjetnam. Dawn ir-regolamenti mhumiex diskriminatorji;
- Tippermetti investituri mill-Komunità Ewropea fis-settur tat-telekommunikazzjonijiet, li bħalissa joperaw taħt Kuntratti ta' Kooperazzjoni fin-Negozju ma' operaturi Vjetnamiżi, li jkollhom il-possibilità li jġeddu l-arranġamenti attwali jew li jikkonvertuhom f'forma oħra ta'

³ Ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 152/42 tad-data 26.6.2003 bħala “Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam fuq il-kummerċ fit-tessuti u l-ħwejjegħ u miżuri oħra ta' ftuħ tas-suq, kif l-aħħar emendati bil-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri mibdi fil-31 ta' Marzu 2000”.

stabbiliment b'kondizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk li jgawdu bħalissa, b'mod konformi ma' l-arranġament tad-WTO li ngħata bidu mill-Vjetnam u l-Komunita Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004;

- Telimina r-restrizzjonijiet fuq klijenti li għalihom fornituri mill-Komunita Ewropea ta' servizzi ta' kompjuters, servizzi ta' kostruzzjoni, inġinerija, inġinerija integrata, servizzi arkitettoniċi u servizzi ta' ppjanar urban, li bħalissa qed joperaw fil-Vjetnam, jipprovdu servizzi.

- Tikkunsidra li tagħti liċenzji, a bażi ta' każ b'każ u taħt kondizzjonijiet stabbiliti fl-Arranġament tad-WTO li ngħata bidu mill-Vjetnam u l-Komunita Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004, lil operatori mill-Komunita Ewropea biex jistabilixxu impriżi li huma 100% ta' sidien mill-Komunita Ewropea fil-Vjetnam li jipprovdu servizzi ta' kompjuters, servizzi ta' kostruzzjoni, inġinerija, inġinerija integrata, servizzi arkitettoniċi u servizzi ta' ppjanar urban mingħajr restrizzjonijiet fuq il-klijenti li għalihom dawn is-servizzi jkunu pprovduti;

- Tippermetti 04 (erbgħa) impriżi farmaċewtiċi mill-Komunita Ewropea li jwettqu l-manifattura bi ħlas fil-Vjetnam mingħajr trasferiment ta' liċenzja u filwaqt li jżommu l-awtorizzazzjoni tagħhom biex jimmarkitjaw il-prodotti importati;

- Tippermetti kumpaniji mill-Komunita Ewropea li jistabilixxu impriżi bi sħab ma' partners Vjetnamiżi, mingħajr limitazzjoni fuq il-kontribuzzjoni tal-kapital mill-Unjoni Ewropea, sabiex jinvestu fil-kostruzzjoni ta' uffiċini u appartamenti għall-bejgħ u l-kera, bla ħsara għalligijiet u r-regolamenti tal-Vjetnam fuq il-bejgħ u l-kiri ta' propjeta.

ARTIKOLU 3

Mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2005, ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam għandha:

- Tagħti lil distributur 01 (wieħed) mill-Komunita Ewropea liċenzja sabiex jistabilixxi impriża li tkun 100% ta' sidien mill-Komunita Ewropea fil-Vjetnam, bla ħsara għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Arranġament tad-WTO li ngħata bidu mill-Vjetnam u l-Komunita Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004;

- Tagħti lil assiguratr 01 (wieħed) mill-Komunita Ewropea liċenzja biex jopera fis-settur ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja fil-Vjetnam;

- Tippermetti impriżi bi sħab b'kontribuzzjoni ta' kapital ta' 51% minn linji tat-tbaħħir mill-Komunita Ewropea, u tippermetti linja tat-tbaħħir 01 (waħda) mill-Komunita Ewropea biex tistabilixxi impriża li tkun 100% investiment mill-Komunita Ewropea fil-Vjetnam biex twettaq l-attivitajiet tal-linja tat-tbaħħir tagħha, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Arranġament tad-WTO li ngħata bidu mill-Vjetnam u l-Komunita Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004;

- Tagħti lil fornitur 01 (wieħed) ta' servizz mill-Komunita Ewropea liċenzja biex jipprovdi servizzi ta' sistema ta' riservazzjoni bil-kompjuter fil-Vjetnam, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Arranġament tad-WTO li ngħata bidu mill-Vjetnam u l-Komunita Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004;

- Tagħti kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' 3500 unita ta' *Completely Built Units* (CBU) ta' muturi jew motorcikletti ta' oriġini mill-Komunita Ewropea ta' 70 % tar-rata tariffarja attwali. Għall-inqas 50% ta' dawn il-kwoti għandhom ikunu allokatu lil aġenti u distributuri Vjetnamiżi awtorizzati kif xieraq mill-manifatturi mill-Komunita Ewropea.

ARTIKOLU 4

Ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam għandha:

Tagħti lill-investituri mill-Komunità Ewropea trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lil investituri Ġappuniżi kif stipulat fil-Ftehim ta' Investiment Bilaterali (BIT) bejn ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Ġappun, mad-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi Ftehim;

- Fl-2005 u l-2006, tagħti 03 (tlett) liċenzji lil fornituri mill-Komunità Ewropea ta' servizzi ambjentali biex joperaw fil-Vjetnam bħala impriżi li jkunu 100% ta' sidien mill-Komunità Ewropea, għall-forniment ta' servizzi ambjentali, għajr servizzi ta' assessjar ta' impatt ambjentali, bla ħsara għall-iskop ta' l-attivitajiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-Arranġament tad-WTO li ngħata bidu mill-Vjetnam u l-Komunità Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004,

- Tippermetti distributuri mill-Komunità Ewropea, li joperaw legalment fil-Vjetnam, biex jifih 04 (erba') imħażen oħra fl-2005 u 02 (żewġ) imħażen addizzjonali fl-2006;

- Tagħti lil-distributur 01 (wieħed) mill-Komunità Ewropea liċenzja biex jopera fil-Vjetnam bħala impriża li tkun 100% ta' sidien mill-Komunità Ewropea fil-Vjetnam fl-2006, bla ħsara għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Arranġament tad-WTO li ngħata bidu mill-Vjetnam u l-Komunità Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004;

- Tnaqqas il-lista ta' molekuli pprojbiti għal 5-7 molekuli sa mhux iktar tard minn Diċembru 2004, u tabolixxi din il-lista għall-Komunità Ewropea sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005.

ARTIKOLU 5

Il-Komunità Ewropea tista' tapplika mill-ġdid il-kwoti fuq tessuti u ħwejjeġ fil-livell tal-kwantita totali ta' kwoti fuq tessuti u ħwejjeġ akkordati mill-Komunità Ewropea lill-Vjetnam fl-2004, miżjuda b'rati ta' tkabbir annwali stipulati fl-Arranġament fuq il-kummerċ fit-tessuti u l-ħwejjeġ u miżuri oħra ta' ftuħ tas-suq li nbdeu f'Hanoi fil-15 ta' Frar 2003, fl-eventwalità li l-Vjetnam jonqos milli jissodisfa kwalunkwe obligazzjoni li tinsab fl-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan il-Ftehim jew fil-paragrafu 9 tal-Ftehim ta' l-2003 ikkwotat hawn fuq.

Fl-eventwalità li l-Komunità Ewropea tonqos milli tissodisfa l-obbligazzjonijiet taħt l-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim jew il-paragrafu 9 tal-Ftehim fuq il-kummerċ fit-tessuti u l-ħwejjeġ u miżuri oħra ta' ftuħ tas-suq li ngħataw bidu f'Hanoi fil-15 ta' Frar 2003, il-Vjetnam jista' jissospendi l-applikazzjoni ta' l-impenji tiegħu taħt l-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 6

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ ma' l-iskambju ta' notifikazzjonijiet bil-miktub mill-Partijiet dwar it-tkomplija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom għal dan l-għan.

Kull Parti tista' fi kwalunkwe żmien tipproponi modifikazzjonijiet għal dan il-Ftehim jew tiċħdu, dejjem jekk jingħata avviż ta' almenu sitt xhur. Fl-eventwalità ta' każda, il-Ftehim għandu jiġi fi tmiemu ma' l-iskadenza tal-perjodu ta' l-avviż.

Dan il-Ftehim għandu jiskadi fid-data ta' l-adeżjoni tal-Vjetnam mad-WTO.

Il-Partijiet għandhom jagħmlu hilitom biex jikkompletaw il-proċeduri interni rispettivi tagħhom bil-ħsieb li jimplimentaw dan il-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2004.

ARTIKOLU 7

Dan il-Ftehim għandu jkun imfassal b'mod duplikat bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bit-Taljan, bil-Portugiż, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, biċ-Ċek, bl-Estonjan, bl-Ungeriż, bil-Litwan, bil-Latvjian, bil-Malti, bil-Pollakk, bl-Islovakk u bis-Sloven.

Magħmul f'Hanoi, fit-3 ta' Diċembru 2004.

**Għall-Gvern tar-
Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam**

Għall-Komunità Ewropea